# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Lulju 2020**

**Kawza Numru: 27**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 817/2019 JVC**

**L-Avukat Dottor Andrew Sciortino ghan-nom u in rapprezentanza ta' Anthony Aaron Omar Camilleri sive Asghar, kif debitament awtorizzat in forza ta' prokura hawn immarkata bhala Dok 'A'**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, Valletta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent l-Avukat Dottor Andrew Sciortino (karta' tal-identita' numru: 11790 G) a nom u in rapprezentanza ta' Anthony Aaron Omar Camilleri sive Asghar ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-attur Anthony Aaron Omar Camilleri twieled fis-seba' (7) ta' Marzu tal-elf disa' mija, wiehed u sebghin (1971), gewwa St. Mary Abbots Hospital, Kensington, l-Ingilterra (kopja tac-certifikat tat-twelid anness bhala dok. 'B'), liema twelid huwa registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku, il-Belt, Valletta, Malta, fl-Atti tat-Twelid u r-Registru ta' Persuni Addottati, bin-numru hamest elef, tlett mija, sebgha u disghin tas-sena elfejn u tmintax (5397/2018), hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C'.

2. Illi sa minn twelidu l-attur dejjem kien maghruf bil-kunjhom ta' ommu cioe 'Camilleri' u qatt bil-kunjhom ta' missieru cioe 'Asghar'.

3. Illi cio nonostante meta dan it-twelid gie registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku Valletta Malta l-attur gie indikat bil-kunjom 'Asghar'

4. Illi ghaldaqstant l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid tal-attur huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", il-kunjom tal-attur huwa indikat bhala "ASGHAR", meta fil-fatt dan ghandu jkun indikat bhala "CAMILLERI".

3. Illi l-attur irid illi l-kunjom tieghu jigi kkoregut b'tali mod illi fejn jinkorri l-kunjom "Asghar" b'referenza ghalieh dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Camilleri".

4. Illi l-attur irid illi jsiru d-debiti korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tieghu, b'mod illi c-certifikat tat-twelid tieghu jigi jaqbel mar-realta' u mal-verita', u dan stante illi l-attur qed ikollu diversi problemi kull meta jigi biex jipprovdi c-certifikat tat-twelid tieghu.

5. Illi din id-dikjarazzjoni qed isir u qed tigi kkonfermata bil-gurament tal-Avukat Dottor Andrew Sciortino nomine li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti suesposti.

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:**

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru hamest elef, tlett mija, sebgha u disghin tas-sena elfejn u tmintax (5397/2018), relattiv ghat-twelid ta' Anthony Aaron Omar Camilleri, huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

2. Konsegwentament tordna l-korrezzjonijiet tal-att fuq imsemmi billi kull fejn l-attur jinkorri il-kunjom "ASGHAR" dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "CAMILLERI".

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni'.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent twieled gewwa l-Ingilterra nhar is-7 ta' Marzu 1971. In vista tal-fatt li omm ir-rikorrent hija ta' nazzjonalita' Maltija, ir-rikorrent kellu l-fakolta' li jirregistra l-Att tat-Twelid esteru tieghu gewwa Malta;

2. Illi fil-fatt ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili ta' Malta, ir-rikorrent ressaq it-talba tieghu mad-Direttur konvenut sabiex jirregistra t-twelid tieghu gewwa Malta. Din it-talba tinsab hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 1'. Ghandu jigi sottolinejat illi fit-talba in kwistjoni, ir-rikorrent innifsu ddikjara li 'Asghar' huwa l-kunjom li assuma mat-twelid tieghu. Flimkien ma' din it-talba, ir-rikorrent forna lill-esponent kopja tal-Att tat-Twelid esteru tieghu, liema Att huwa mahrug mill-awtoritajiet Inglizi u jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok DRP 2';

3. Illi wara li l-esponent ha konjizzjoni tat-talba u d-dokumenti tar-rikorrent, u ra ukoll li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kienu sodisfatti, huwa ghadda sabiex irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrent. Tali registrazzjoni saret billi *ad verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru;

4. Illi stante s-suespost u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti mill-esponent, ma jirrizultax mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 5397 tas-sena 2018, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

5. Illi bla hsara ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent huwa tal-umli fehma illi t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx li jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qiegħed jigi ngunt in subizzjoni'.

Rat l-affidavit, 'change of name deed' u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Lulju, 2020 il-kawza tħalliet għad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza giet intavolata a tenur tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz tal-kawza odjerna l-attur Dr Andrew Sciortino għan-nom u in rapprezentanza ta' Anthony Aaron Omar Camilleri sive Asghar talab li jigi dikjarat illi l-att tat-twelid bin-numru hamest elef, tlett mija, sebgħa u disgħin tas-sena elfejn u tmintax (5397/2018) relattiv għat-twelid ta' l-istess Anthony Aaron Omar Camilleri huwa skorrett, u konsegwentament, tordna l-korrezzjonijiet necessarji fl-att indikat billi kull fejn l-attur għandu kunjomu ndikat bħala dak ta' 'Asghar' jigi sostitwit għal dak ta' 'Camilleri'.

Illi fir-risposta tiegħu pprezentata nhar is-17 ta' Ottubru, 2019 (a fol. 15 *et seq* tal-process) il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li r-rikorrenti twieled gewwa l-Ingilterra nhar is-7 ta' Marzu, 1971 u in vista li ommu hija ta' nazzjonalita' Maltija huwa kellu l-fakulta' li jirregistra l-Att tat-Twelid esteru tiegħu gewwa Malta. Eccepixxa li ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici

Civili r-rikorrenti ressaq talba mad-Direttur konvenut sabiex jirregistra t-twelid tieghu gewwa Malta u ssottolinea li r-rikorrenti nnifsu ddikjara kunjomu bhala dak ta' 'Asghar' bhala dak il-kunjom li assuma mat-twelid tieghu. Id-Direttur konvenut wara li ha konjizzjoni tat-talba u d-dokumenti u ra r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta rregistra *ad verbatim* id-dettalji skont l-informazzjoni kollha misjuba fl-att esteru. Eccepixxa ghalhekk li ma jirrizultax li effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni da parti tieghu. Ghalhekk fl-umli fehma tieghu eccepixxa li t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx li jigu milqugha minn din l-Qorti. Finalment minghajr hsara ssottometta li fi kwalunque kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tieghu u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern hekk kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 8 tal-process.

Illi jibda billi jinghad li ghalkemm l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jsemmi biss isem u mhux ukoll kunjom, huwa ormai assodat bil-gurisprudenza nostrana, illi l-Qrati m'ghadhomx japplikaw il-ligi b'rigorozita' stretta u qeghdin jigu awtorizzati korrezzjonijiet fil-kunjom jekk jintwera li kien rizultat ta' zball genwin. Ir-raguni primarja ghalfejn il-korrezzjoni tal-kunjom hija aktar imprekattiva minn dik tal-isem hija proprju minhabba l-interess pubbliku u dana stante li kambjamenti f'kunjom jista johloq pregudizzju lejn interess ta' terzi. Di fatti hekk inghad fis-sentenza **John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace -vs- Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-2 ta' Marzu, 1994 fejn gie ritenut illi:

> '… Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma certu individwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista jkun komplet, u kien propju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, l-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti infatti qalet hekk:- "*Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicat*".'

Illi r-rikorrenti fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 34 tal-process xehed illi fic-certifikat originali tat-twelid tieghu huwa kien gie moghti l-kunjom ta' Asghar madanakollu fis-sena 2009 minhabba ragunijiet personali huwa kien biddel kunjomu minn dak ta' 'Asghar' ghal dak ta' 'Camilleri' li huwa kunjom l-familja ta' ommu Josephine Camilleri. Ikompli jghid li huwa ghamel din il-procedura mal-awtorita' kompetenti Pope & Co Solicitors gewwa l-Ingilterra u dan il-bdil fil-kunjom gie approvat. Ir-rikorrenti esebixxa kopja ta' din il-procedura adoperata datata 26 ta' Ottubru, 2009 a fol. 33 tal-process minn fejn jirrizulta li huwa abbanduna l-uzu tal-kunjom 'Asghar' u ha minfloku dak ta' 'Camilleri'. Ghalkemm ir-rikorrenti fl-affidavit tieghu huwa jiddikjara li l-att relattiv tat-tibdil tal-kunjom tas-16 ta' Ottubru, 2009 uzah ukoll meta gie sabiex japplika ghac-cittadinanza doppja u difatti dan id-dokument esebit fil-process huwa ffirmat minn wiehed certu Anthony Mizzi – Front Desk Officer Citizenship Department, ma gietx ipprezentat

kopja tac-cittadinanza sabiex jigi vverifikat jekk effettivament l-ufficju tac-cittadinanza nizzilx lir-rikorrenti bil-kunjom ta' Camilleri.

Dan premess, din il-Qorti tinnota wkoll li mid-dokument li gie esebit mid-Direttur konvenut mar-risposta guramentata a fol. 18 tal-process li jikkonsisti fit-talba ghar-registrazzjoni tal-att tat-twelid, ir-rikorrenti fis-sezzjoni '**<u>Details of the Person to be Registered</u>**' nizzel bhala 'Surname at Birth: Asghar' ghaliex effettivament il-kunjom li huwa kellu mat-twelid kien dak ta' 'Asghar', madanakollu izjed l-isfel fis-sezzjoni '**<u>Details of Declarer</u>**' bhala dettalji nizzel 'Name and Surname : Mr Omar Camilleri'.

Illi din il-Qorti fic-cirkustanzi kollha suesposti tqis li huwa fl-ahjar interess kemm tal-partijiet involuti kif ukoll fl-interess pubbliku in generali li kunjom ir-rikorrent jigi mibdul minn dak ta' Asghar ghal dak ta' Camilleri kkunsidrat li r-rikorrenti ilu issa maghruf b'dan il-kunjom ta' Camilleri mis-sena 2009 u d-'deed poll' esebit ma jhalli l-ebda dubju. Stante li jirrizulta lil din il-Qorti li anki fil-pajjiz tal-Ingilterra ir-rikorrenti huwa rikonoxxut bil-kunjom ta' Camilleri din il-Qorti tqis li fl-ahjar interess anki tal-pubbliku in generali f'Malta r-rikorrent ghandu jkun maghruf bil-kunjom ta' 'Camilleri' u ghalhekk il-Qorti tqis li ghandha tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti.

**Decizjoni :**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru hamest elef, tlett mija, sebgha u disghin tas-sena elfejn u tmintax (5397/2018) relattiv ghal-att ta' twelid ta' Anthony Aaron Omar Camilleri huwa skorrett;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid bin-numru hamest elef, tlett mija, sebgha u disghin tas-sena elfejn u tmintax (5397/2018) relattiv ghal-att ta' twelid ta' Anthony Aaron Omar billi kull fejn r-rikorrenti huwa riferut bil-kunjom ta 'Asghar' jigi sostitwit bil-kunjom ta' 'Camilleri'.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Lulju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Lulju, 2020**